31985D0382

L 217/27 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 14.8.1985

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Lulju 1985
li ma tħallix l-użu f'materjal tal-għalf ta' prodotti tal-proteini miksuba minn fungi Kandida ikkoltivati fuq n-alkani

(85/382/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 84/443/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 6 tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Xjentifiku għal Nutrizzjoni ta' l-Annimali u l-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel,

Billi skond id-Direttiva 82/471/KEE l-Istati Membri huma temporanjament awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali li, qabel ma jiġu avżati b'dik id-Direttiva, huma taw għall-użu ta' prodotti tal-proteini miksuba minn fungi Kandida kkoltivati fuq n-alkani; billi d-Deċiżjoni tal-Komunità dwar dawn il-prodotti għandha tittieħed fi żmien perijodu ta' sentejn min-notifika ta' dik id-Direttiva;

Billi, skond tagħrif xjentifiku u tekniku u l-opinjoni konġunta tal-Kumitat Xjentifiku għal Nutrizzjoni ta' l-Annimali u l-Kumitat Xjentifiku għal Ikel, ċerti razez ta' fungus tal-varjetà Kandida huma patoġeniċi u, f'xi ċirkostanzi, jistgħu jagħtu lok għal reazzjonijiet ipersensittivi; billi l-użu ta' dawk ir-razez għall-produzzjoni ta' proteina għall-użu fin-nutrizzjoni ta' l-annimali jista'għalhekk jinvolvi perikli għas-saħħa ta' annimali jew tal-bniedem safejn ċelloli vijabbli jiġu rilaxxjati;

Billi, barra dan, fin-nuqqas ta' ċertu tagħrif bażiku u xjentifiku, b'mod partikolari dak meħtieġ għall-interpretazzjoni ta' l-effetti probabbli ta' bidliet fil-kompożizzjoni ta' aċidi grassi ta' lipidi ta' annimali, il-perikli li dawk il-prodotti jistgħu jippreżentaw għall-konsumatur ma jistgħux jiġu vverifikati;

Billi, skond il-bażi ta' tagħrif preżenti, ma jistax jiġi konkluż li prodotti tal-proteini li jistgħu jinkisbu minn ħmira tal-varjetà Kandida kkoltivat fuq n-alkani jissodisfaw il-ħtiġiet biex tinkiseb awtorizzazzjoni tal-Komunità skond id-Direttiva 82/471/KEE;

Billi l-użu f'materjal tal-għalf ta' prodotti tal-proteina miksuba minn ħmira tal-varjetà Kandida kkoltivati fuq n-alkani ma għandhomx jitħallew fil-Komunità kollha sa dak iż-żmien li jkun stabbilit li dawk il-prodotti ma jirrappreżentawx periklu għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bniedem;

Billi dawk l-Istati Membri li jawtorizzaw ċerti prodotti ta' proteini miksuba minn ħmira tal-varjetà Kandida kkoltivati fuq n-alkani għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrevokaw dawk l-awtorizzazzjonijiet;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Materjal tal-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' prodotti tal-proteina miksuba minn ħmira tal-varjetà Kandida kkoltivati fuq n-alkani għandhom jiġu rtirati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 1986.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull miżura meħtieġa li huma għandhom jieħdu biex jaqblu ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1985.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President

---

[1] ĠU L 213, tal-21.7.1982, p. 8.
[2] ĠU L 245, ta' l-14.9.1984, p. 21.